**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**SKOLA MEDJA RABAT**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**

Marka

**Frar 2016**

**Is-Seba' Sena** | **RELIĠJON** | **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** __________ **Numru tar-reġistru:** ______

Din il-karta tal-eżami fiha TLIET taqsimiet.

Aqra' sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.

Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.

Għall-użu tal-għalliema.

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima Ċ | Total |
|---|---|---|---|
| 34 | 32 | 34 | 100 |
| | | | |

**TAQSIMA A** **(34 marka)**

**IL-PELLEGRINAĠĠ** *(5 marki)*

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Wieħed imur fuq (avventura, pellegrinaġġ, vaganza) meta jivvjaġġa bi skop spiritwali.
2. Post ta' pellegrinaġġ tal-Lhud huwa (il-Vatikan, il-Ħajt tal-Punent, il-Kumpless Al Aqsa).
3. (Il-Knisja tal-Qabar Imqaddes, Mekka, Lourdes) huwa post ta' pellegrinaġġ tal-Musulmani.
4. Post qaddis għal-Lhud, għall-Insara u għall-Musulmani huwa (Ġerusalemm, Ruma, Malta).
5. Post ta' pellegrinaġġ għalina l-Insara huwa (l-Awstalja, l-Amerika, il-Vatikan).

**Imla l-Vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qegħda tingħata.** *(10 marki)*

6. Fil-Gżejjer Maltin għandna diversi postijiet ta' pellegrinaġġ. Tlieta minnhom huma s-Santwarju tal-Madonna f'ta **P**__________________________ f'Għawdex, il-Grotta ta' San **P**__________________________ ir-Rabat, Malta u s-Santwarju tal-Madonna tal-**M**__________________________, Malta.
7. F'Santiago de Compostela jinsabu l-fdalijiet ta' San **Ġ**__________________________.
8. Il-Madonna dehret lil Santa **B**__________________________ f'Lourdes fl-1858.

**L-ISTORJA TAS-SALVAZZJONI** *(6 marki)*

**Wieġeb fil-Qosor.**

9. Semmi **żewġ** affarijiet li għamel Abram biex juri l-fiduċja li kellu f'Alla.

   (a)________________________________________

   (b)________________________________________

10. Ġużeppi kif spjega l-ħolma tal-Fargħun?

    __________________________________________

    __________________________________________

11. Kif irnexxilhom il-Lhud jaħarbu mill-Eġittu wara ħafna snin jgħixu bħala skjavi?

    __________________________________________

    __________________________________________



**IL-VJAĠĠ TA' ĠESU'**

**Wieġeb.**

12. Semmi **żewġ postijiet** fejn għamel mirakli Ġesù. *(2 marki)*

    (a)________________________________________

    (b)________________________________________

13. Wara l-laqgħa li kellu ma' Ġesù , Żakkew kif biddel ħajtu? *(2 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

14. F'liema belt Ġesù għadda għall-mewt u l-qawmien tiegħu? *(marka)*

______________________________________________

15. Kif nistgħu nkunu bħal San Pawl jew bħal Madonna? *(2 marki)*

(a)____________________________________________

(b)____________________________________________

16. Irrakkonta il-miraklu li għamel Ġesù waqt it-tieġ f'Kana. *(4 marki)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

17. Għaliex huwa tajjeb li nitolbu lil Madonna meta jkollna bżonn? *(2 marki)*

______________________________________________

**Taqsima B** **(32 marki)**



**L-GĦID IL-ĦAMSIN**

*'Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.'* (Atti 2 : 1-4).

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hija mehuda din-ġrajja ?
   (Mill-Ktieb tal-Eżodu, Mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli). *(marka)*

2. X'għamlu l-Appostli kif irċevew l-Ispirtu s-Santu ?
   (Bdew ikantaw, Ħarġu mill-kamra, Baqgħu imbeżżgħin). *(marka)*

3. Meta ikun hemm għaqda ma' Alla ikun hemm (firda, ġlied, għaqda) fost il-bnedmin. *(marka)*

**Wieġeb.**

5. Kemm hemm ġranet mill-Għid il-Kbir sal-Għid il-Ħamsin ? *(marka)*

___

6. Fi kliemek, kompli u spiċċa ir-rakkont tal-Għid il-Ħamsin. *(4 marki)*

7. Irrakkonta l-istorja tat-Torri ta' Babel. *(4 marki)*

8. Għaliex il-ġrajja tat-Torri ta' Babel hija l-oppost għall-ġrajja tal-Għid il-Ħamsin? *(2 marki)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**L-ISPIRTU S-SANTU F'ĦAJJITNA**

9. Semmi **tlett simboli** tal-Ispirtu s-Santu. *(3 marki)*
(a)____________________(b)__________________(c)___________________

10. Meta kienet l-ewwel darba li rċevejna l-Ispirtu s-Santu ? *(marka)*

_________________________________________________________________

11. *S*emmi **erba' doni** li l-Ispirtu s-Santu jagħti lil dawk li jirċievu l-Griżma tal-Isqof. *(4 marki)*
(a)______________________________________________________________
(b)______________________________________________________________
(c)______________________________________________________________
(d)______________________________________________________________

12. Ikteb dwar kif Dun Ġorġ Preca ħalla l-Ispirtu s-Santu jaħdem fih. *(4 marki)*

(a) Meta n-nies bdew jiktbu fil-gazzetti kontrih. Ikteb **żewġ punti.**
(i)_________________________________________________________________
(ii)________________________________________________________________

(b) Meta l-Isqof qallu biex jagħlaq iċ-ċentri kollha tal-M.U.S.E.U.M.

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

13. F'paragrafu ta' **50 kelma,** irrakkonta l-ħajja ta' qaddis martri. *(6 marki)*

______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________

**Taqsima Ċ**

**ĠESU' GĦALLIEM** **34 marki**

**Qabbel kolonna A ma kolonna B billi tikteb in-numri 2 sa 6 fil-kaxxa l-vojta tan-nofs. L-ewwel waħda qed tingħata bħala eżempju.** *(5 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1 | Ta' tnax-il sena | | billi juża l-parabboli. |
| 2 | Ġesu' jridna nitolbu | | dak li kien jippriedka. |
| 3 | Ġesu' qalilna biex | | ma jkunx maħfur minn Alla. |
| 4 | Ġesu' qal li min ma jaħfirx lill-oħrajn | | Inħobbu lil xulxin kif ħabbna Hu. |
| 5 | Ġesu' kien jgħallem | **1** | Ġesu' għallem fit-Tempju. |
| 6 | | | It-talba tal-Missierna. |

**Wieġeb.**

7. Ġesu' kien jitlob. *(2 marki)*

   (a) Semmi eżempju ta' meta Ġesu' mar jitlob lil-Alla l-Missier, waħdu.

   ___________________________________________

   (b) Semmi eżempju ta' meta Ġesu' talab mal-Appostli tiegħu.

   ___________________________________________

8. Il-parabbola tar-Ragħaj it-Tajjeb.

   (a) Min hu r-Ragħaj ? ____________________ *(marka)*

   (b) Min huma n-nagħaġ ? ____________________ *(marka)*

   (c) X'qed jgħallimna Ġesu' permezz ta' din il-parabbola ? *(2 marki)*

   ___________________________________________

   ___________________________________________

9. Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb.

   (a) Għaliex Ġesu' għażel Samaritan ? *(marka)*

   ___________________________________________

   (b) Spjega x'jgħallimna Ġesu' fuq kif l-imħabba lejn l- oħrajn. *(2 marki)*

   ___________________________________________

   ___________________________________________

**DIXXIPLI TA' ĠESU'**

**Wieġeb.**

10. Semmi **tlieta** mill-Appostli ta' Ġesu'. *(3 marki)*

    (a)___________________________________________

    (b)___________________________________________

    (ċ)___________________________________________

11. Għaliex ħassha bi tqila wieħed raġel għani li jbiegħ kull ma kellu u jimxi wara Ġesu' ? *(2 marki)*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

12. Ġesu' mar jara l-ħbieb tiegħu, Marta u Marija. Ħin minnhom, Marta qaltlu *"Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss ? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi"*

(a) X'kienet qegħda tagħmel Marija dak il-ħin ? *(marka)*

______________________________________________________________

(b) Kif weġibha Ġesu' lil Marta ? *(2 marki)*

______________________________________________________________

______________________________________________________________

13. Xmun kien sajjied. Dik il-lejla qabel ma' ltaqa' ma Ġesu', kien ipprova jistgħad lejl sħiħ, imma ma qabadx ħut. X'qallu Ġesu' ? *(marka)*

______________________________________________________________

14. Ġesu' biddel l-isem ta' Xmun. Għaliex semmieh Pietru ? *(marka)*

______________________________________________________________

15. Agħti **żewġ** raġunijiet għaliex Ġesu' huwa l-aqwa għalliem. *(2 marki)*

(a)______________________________________________________________

(b)______________________________________________________________

16. Irrakkonta fil-qosor fuq il-ħajja ta' Iqbal Masih, u kif kien dixxiplu ta' Ġesu' *(4 marki)*

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

17. Xi tfisser għalik li Ġesu' huwa ' *t-Triq*' ? *(2 marki)*

________________________________________________

________________________________________________

18. Agħti **żewġ** eżempji biex turi kif inti tista' timxi wara Ġesu'. *(2 marki)*

(a)________________________________________________

(b)________________________________________________

TMIEM IL-KARTA